Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10229/21
PV CONS 20
AGRI 315
PECHE 236

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura u Sajd**)

28 u 29 ta' Ġunju 2021

## WERREJ

**Paġna**


1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 4

2. Approvazzjoni ta' punti "A"
   a) Lista mhux leġiżlattiva ..... 4
   b) Lista leġiżlattiva ..... 4

AGRIKOLTURA

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

3. Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 ..... 7
   a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
   b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
   c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli

SAJD

4. Regolament li jemenda diversi Regolamenti fir-rigward tal-kontroll tas-sajd ..... 8

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

5. Komunikazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2022 ..... 8

AGRIKOLTURA

6. Deċiżjoni tal-Kunsill li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni
   rigward l-introduzzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku invertebrati fit-territorju tal-Unjoni u Proposta,
   jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju (Bażi legali: l-Artikolu 241 TFUE) ..... 8

7. L-istabbiliment ta' għan ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel fil-kuntest tar-rieżami tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013 ..... 9

**Affarijiet oħra**

Sajd

8. a) Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu ..... 9
b) Programmazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA): Massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-investiment pubbliku fis-sajd u l-akkwakultura ..... 9
c) Is-sitwazzjoni attwali fil-Grigal tal-Atlantiku ..... 9

Agrikoltura

d) Rapport tal-Presidenza dwar "Supplimenti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni - it-triq 'il quddiem" ..... 9
e) Azzjoni konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (JAMRAI) u s-sitwazzjoni attwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. 10
f) Irziezet tal-fer fl-Unjoni Ewropea ..... 10

AGRIKOLTURA

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

9. Is-sitwazzjoni tas-suq ..... 10

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

3. (kontinwazzjoni) Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 ..... 11
a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli

**Affarijiet oħra**

10. a) Id-49 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (konferenza virtwali, 9 ta' Ġunju 2021) ..... 12
b) Proposti leġiżlattivi attwali ..... 12
c) Ir-raba' Konferenza Ministerjali dwar l-Agrikoltura bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea (Vidjokonferenza, 22 ta' Ġunju 2021) ..... 12
d) Katastrofi naturali reċenti u ħsara serja kkawżata lis-settur agrikolu ..... 12

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 13


***

**LAQGĦA NHAR IT-TNEJN 28 TA' ĠUNJU 2021**

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9876/1/21 REV 1.

**2. Approvazzjoni ta' punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 9963/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9963/21 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Regolament tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi taċ-ċomb f'ċerti oġġetti tal-ikel<br>*Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-16.06.2021 | | 9537/21<br>8275/21<br>**+ REV 1 (fr)**<br>+ ADD 1<br>**+ ADD 1 REV 1 (cs)**<br>DENLEG |

Sajd

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd mal-Gabon<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021 | C | 9383/21 + ADD 1<br>9170/21<br>9171/21<br>**+ COR 1 (bg,cs,pt,ro)**<br>PECHE |

Trasport

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18. | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Istat tal-Qatar<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021 | C | 9690/21<br>8457/21<br>7744/21<br>**+ COR 1 (pl)**<br>AVJAZZJONI |

Affarijiet Ġenerali

| | | | |
|---|---|---|---|
| 27. | Konklużjonijiet dwar l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) (RS Nru 23/2020 tal-QEA)<br>*Approvazzjoni*<br>approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021 | | 9761/21<br>**+ COR 1 (cs)**<br>**+ REV 1 (sv)**<br>STAT |

Ġustizzja u Affarijiet Interni

| | | |
|---|---|---|
| 28. | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar regoli ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-UPD u r-restrizzjoni tad-drittijiet ta' ċerti suġġetti tad-data<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.06.2021 | 9040/21<br>9148/21<br>**+ COR 1 (sl)**<br>DATAPROTECT |

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** — 9964/21 **+ COR 1**

Ambjent

**1. Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima** ❶C — 10125/21 + ADD 1, PE-CONS 27/21, CLIMA

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-astensjoni tal-Bulgarija, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**2. Emendi konsegwenzjali tal-ETIAS: Regolament dwar emendi konsegwenzjali tal-ETIAS fir-rigward tal-Fruntieri u l-Viża** ❶C — 9823/21, PE-CONS 17/21, IXIM

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 77(2) TFUE).

3. **Emendi konsegwenzjali tal-ETIAS:**
**Regolament dwar emendi konsegwenzjali tal-ETIAS fir-rigward l-ECRIS-TCN**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021

➊C 9822/21 PE-CONS 16/21 IXIM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 82(1) u 87(2) TFUE).

4. **Emendi konsegwenzjali tal-ETIAS:**
**Regolament dwar emendi konsegwenzjali tal-ETIAS fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021

➊C 9821/21 PE-CONS 15/21 IXIM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 82(1) u 87(2) TFUE).

Riċerka

5. **Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar**
*Qbil fil-prinċipju*
*Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew*
approvat mill-COREPER, Parti 1, fit-23.06.2021

SC 9714/21 + ADD 1 9399/21 RECH

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u stabbilit fid-dok. 9399/21, u ddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**6.** **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali** S C 10090/21 9827/21 JAI

*Qbil fil-prinċipju*
*Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew*
approvat mill-COREPER, Parti 2, fit-23.06.2021

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), rivedut mill-ġuristi-lingwisti, kif jinsab fid-dokument 9827/21, u ddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Regolament, f'konformità mal-Artikolu 352 TFUE.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

AGRIKOLTURA

**3.** **Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020** ❶ C 10048/21

**a)** **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
**b)** **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
**c)** **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-"supertrilogu" li sar fl-24 u l-25 ta' Ġunju 2021 u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' dan.

Id-dibattitu wera li kien hemm biżżejjed appoġġ fil-Kunsill għall-ftehimiet proviżorji milħuqa mal-koleġiżlatur dwar il-punti politiċi ewlenin. Ikun meħtieġ li titkompla l-ħidma fil-livell tekniku biex jiġu ffinalizzati l-elementi tekniċi pendenti tal-proposti.

L-abbozz ta' dikjarazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK li jinsab fid-dokument 10048/21 ser jiġi anness għall-minuti ta' din il-laqgħa bħala dikjarazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill ħa nota tal-intenzjoni tad-delegazzjoni Bulgara li tressaq dikjarazzjoni dwar l-appoġġ akkoppjat għall-patata tal-mejda, li tkun appoġġata mid-delegazzjoni Rumena u dik Slovakka. Din id-dikjarazzjoni tinsab fl-Anness għall-minuti ta' din il-laqgħa.

SAJD

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.** | **Regolament li jemenda diversi Regolamenti fir-rigward tal-kontroll tas-sajd**<br>*Approċċ ġenerali* | ❶C | 9390/2/21 REV 2<br>+ REV 2 ADD 1-2<br>**+ REV 2 ADD 2 COR 1**<br>9317/18 + ADD 1 |

Il-Kunsill adotta Approċċ ġenerali għar-Regolament li jemenda diversi Regolamenti fir-rigward tal-kontroll tas-sajd kif jinsab fid-dokument 9390/2/21 REV 2 ADD 1.

Il-Kunsill ħa nota tad-Dikjarazzjoni magħmula mid-delegazzjoni Spanjola.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

SAJD

| | | |
|---|---|---|
| 5. | Komunikazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2022<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*<br>*Skambju ta' fehmiet* | 9515/21 |

AGRIKOLTURA

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** | **Deċiżjoni tal-Kunsill li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni rigward l-introduzzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku invertebrati fit-territorju tal-Unjoni u Proposta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju**<br>(Bażi legali: l-Artikolu 241 TFUE)<br>*Adozzjoni* | 2 | 9928/21<br>9112/21 |

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 9112/21.

**7. L-istabbiliment ta' għan ta' protezzjoni għan-naħal tal-għasel fil-kuntest tar-rieżami tad-Dokument ta' Gwida dwar in-Naħal tal-EFSA tal-2013** ⧉ 9687/21
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita mira unika ta' protezzjoni għall-UE kollha għall-protezzjoni tan-naħal tal-għasel, li tirrifletti tnaqqis aċċettabbli fid-daqs tal-kolonja tan-naħal tal-għasel minħabba l-użu tal-pestiċidi. Il-maġġoranza tal-Ministri qablu li hija meħtieġa azzjoni urġenti għall-protezzjoni tan-naħal u li 10 % kien limitu ta' protezzjoni ambizzjuż iżda fattibbli għall-UE kollha.

**Affarijiet oħra**

**8.** Sajd

a) Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu — 10092/21
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

b) Programmazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA): Massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-investiment pubbliku fis-sajd u l-akkwakultura — 9975/21
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

c) Is-sitwazzjoni attwali fil-Grigal tal-Atlantiku — 10131/21
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, Irlandiża u dik Spanjola*

Agrikoltura

**d) Rapport tal-Presidenza dwar "Supplimenti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni - it-triq 'il quddiem"** ⧉ 10055/21
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport dwar il-qafas legali applikabbli għas-supplimenti tal-ikel imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ppreżentat mill-Presidenza.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti addizzjonali li saru minn xi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

e) **Azzjoni konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (JAMRAI) u s-sitwazzjoni attwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi** [2] 9774/21
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar Azzjoni konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (JAMRAI) u s-sitwazzjoni attwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula minn xi delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

f) **Irziezet tal-fer fl-Unjoni Ewropea** [2] 10111/21
*Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands u dik Awstrijaka, appoġġata mid-delegazzjoni Belġjana, Ġermaniża, Lussemburgiża u Slovakka*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni tan-Netherlands u dik Awstrijaka dwar l-irziezet tal-fer fl-Unjoni Ewropea, appoġġata mid-delegazzjoni Belġjana, Ġermaniża, Lussemburgiża u Slovakka. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula minn xi delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

**LAQGĦA NHAR IT-TLIETA 29 TA' ĠUNJU 2021**

AGRIKOLTURA

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

9. Is-sitwazzjoni tas-suq 9912/1/21 REV 1
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

**<u>Deliberazzjonijiet leġiżlattivi</u>**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**3.** **(<u>kontinwazzjoni poss.</u>) Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020** ❶C 10048/21

**a)** **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
**b)** **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
**c)** **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Ara paġna 7.

**<u>Affarijiet oħra</u>**

**10.** a) Id-49 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti tal-UE (konferenza virtwali, 9 ta' Ġunju 2021) 9858/21
*Informazzjoni mill-Presidenza*

**b)** **Proposti leġiżlattivi attwali** ❶C
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**i)** **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 fir-rigward tal-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura** 10053/21
9917/21 + ADD 1

**ii)** **Regolament dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikolu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009, (KE) Nru 1185/2009 u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE** 9977/21

*Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u tar-reazzjoni tal-Kummissjoni.

c) **Ir-raba' Konferenza Ministerjali dwar l-Agrikoltura bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea (Vidjokonferenza, 22 ta' Ġunju 2021)** [F2] 10122/21
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-eżiti ewlenin tal-Konferenza Ministerjali u nnota wkoll il-kummenti mill-Presidenza u d-delegazzjonijiet.

d) Katastrofi naturali reċenti u ħsara serja kkawżata lis-settur agrikolu 10223/21
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka*

---

[1] L-ewwel qari

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[F2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġiżlattivi li jinsabu fid-dok. 9876/21 REV 1**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "B" nru 3:** | **Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020**<br>**a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**<br>**b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**<br>**c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**<br>*Dibattitu ta' orjentazzjoni* |

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL**
**dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK — 10048/21**

"Il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM) għandu jippermetti s-sostituzzjoni tal-approvazzjoni tan-nefqa bbażata fuq il-konformità b'approvazzjoni tan-nefqa bbażata fuq il-prestazzjoni, filwaqt li jħalli l-ħolqien ta' sistemi ta' kontroll u sanzjonijiet fil-livell nazzjonali, li hija kwistjoni ta' sussidjarjetà li titħalla f'idejn l-Istati Membri.
Il-Kunsill jitlob li d-dispożizzjonijiet li għandhom jinħarġu mill-Kummissjoni fil-linji gwida futuri jqisu bis-sħiħ ir-raġunament tal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid. M'għandhomx iwasslu għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' rekwiżiti ta' konformità li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni definit mill-Artikolu 35 tar-regolament orizzontali.

B'mod partikolari, huma għandhom jipprovdu qafas aħjar għall-proċedura biex jiġu determinati l-ammonti li għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE, f'konformità mal-ipprogrammar attwali, filwaqt li titqies in-natura tal-ksur sabiex jiġi żgurat li jkunu proporzjonati mal-livell ta' ħsara finanzjarja kkawżata lill-UE, b'mod partikolari għall-impatti ta' anomaliji relatati mal-kundizzjonalità. F'dan ir-rigward, inħeġġu li d-definizzjoni ta' nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' governanza tiġi ċċarata aktar. Nuqqas jista' jiġi identifikat meta jiġi vvalutat il-funzjonament tal-korpi ta' governanza u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni inkluż s-sistemi ta' rapportar. Dan jista' jsir permezz ta' reviżjoni tas-sistema ta' kontroll intern, inkluż l-ittestjar tal-konformità. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu limitati għal xenarji fejn jinstabu nuqqasijiet sistematiċi serji fis-sistemi ta' governanza. L-ammont li għandu jiġi eskluż għandu jkun relatat mal-ammont minfuq indebitament jew mas-sanzjonijiet amministrattivi li kienu jiġu applikati. L-użu ta' korrezzjonijiet b'rata fissa għandu jkun limitat għal każijiet fejn ikun impossibbli li jiġi kkalkulat l-ammont eżatt minfuq indebitament.

Barra minn hekk, il-linji gwida ser ikollhom jipprevedu li l-verifiki mistennija mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkunu limitati, fir-rigward tal-evalwazzjoni tas-sistemi ta' governanza, għall-ġestjoni tar-regoli tal-Unjoni minn dawn is-sistemi mingħajr ma jestenduha għall-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-benefiċjarji individwali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura, f'konformità mal-objettivi mħabbra, li l-mudell ta' implimentazzjoni ġdid ma jwassalx għal żieda sinifikanti fil-piż għall-Istati Membri, iżda pjuttost għal simplifikazzjoni ġenerali, filwaqt li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 57 tar-regolament orizzontali. Il-Kunsill jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex ma tikkanċellax il-gwadann amministrattiv mill-introduzzjoni tal-Mudell ta' Implimentazzjoni ġdid billi teżiġi rappurtar addizzjonali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, APPOĠĠATA MIR-RUMANIJA U S-SLOVAKKJA**
**b'rabta mal-esklużjoni tal-patata tal-mejda mill-ambitu tal-appoġġ akkoppjat**

"Aħna naqsmu l-ħtieġa li nilħqu ftehim u niffinalizzaw ir-riforma tal-PAK, bil-għan li jiġu ggarantiti ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà għall-bdiewa kollha fl-UE. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-kompromess, li ser ningħaqdu għalih, għandu jkun ġust u jipprovdi trattament ugwali lis-setturi differenti u ma għandux jagħmel ħsara lil xi kategorija ta' produtturi.

Is-settur tat-tkabbir tal-patata huwa ta' importanza sinifikanti speċjalment f'reġjuni u żoni b'restrizzjonijiet naturali bħar-reġjuni muntanjużi. Is-settur jipprovdi għajxien u jgħin lin-nies jibqgħu f'żoni bħal dawn ta' spiss rurali.

Iż-żamma tal-istrumenti kollha disponibbli bħalissa ta' appoġġ għall-produtturi tal-patata hija ta' importanza kruċjali għalina u hija wkoll konformi mal-għanijiet tar-riforma, li lkoll qed nimmiraw għalihom. Hija tipprovdi appoġġ tant meħtieġ lill-produtturi żgħar u ta' daqs medju, tgħin fil-prevenzjoni tad-depopolazzjoni fl-ANC u tgħin ukoll biex tippreserva n-natura minn sekwenzi negattivi għall-ambjent u l-pajsaġġ. Għandha wkoll impatt soċjali ferm importanti għal għadd kbir ta' bdiewa żgħar f'żoni remoti."

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 9964/21**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 1:** | **Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima** <br> *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI - 10125/21 ADD 1**
**dwar il-bjar tal-LULUCF u l-mira għall-2030**

"Is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) tal-UE, jirrilaxxa gassijiet serra u fl-istess ħin jassorbi s-CO2 fil-ħamrija u fil-bijomassa tiegħu. Ir-restawr u t-tkabbir tal-bjar tal-karbonju tal-art tagħna, jiġifieri l-kapaċità li s-CO2 jiġi assorbit mill-ambjent naturali tagħna bħas-siġar, huma kruċjali għall-għanijiet klimatiċi tagħna.

Jeħtieġ li jkollna bjar dejjem jikbru sabiex l-UE tikseb in-newtralità klimatika sal-2050. Biex titreġġa' lura x-xejra attwali hemm bżonn ta' azzjoni sinifikanti fuq perjodu qasir. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" tistma li dan huwa meħtieġ u li huwa possibbli li sal-2030 inreġġgħu lura x-xejra attwali u nżidu l-bjar tal-karbonju għal livelli ogħla minn 300 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO2.

Il-Kummissjoni ser tagħmel proposti biex tirrevedi r-Regolament LULUCF, f'konformità ma' din l-ambizzjoni."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI – 10125/21 ADD 1**
**on Access to Justice**

"L-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

Meta jwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar l-involviment tal-pubbliku fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġiji fit-tul, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess għall-ġustizzja f'każ ta' ksur ta' dawn l-obbligi. Dan għandu jikkonforma mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u b'rispett sħiħ tal-obbligi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għalihom bħala partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus."[1]

[1] Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha" (11854/20 - COM(2020) 643).

**Dwar il-punt "A" nru 5:** **Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar**
*Qbil fil-prinċipju*
*Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI – 9714/21 ADD 1**

"Fid-dawl tal-objettiv segwit mil-leġiżlatur, il-Kummissjoni tifhem li t-terminu "dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi" (jew varjazzjonijiet tal-istess espressjoni) fil-premessa 12 u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76 emendata, u fil-premessa 3 u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77 emendata, u l-punti 1 u 5 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77 emendata, għandu jitqies bħala l-ammont ta' flus iġġenerat mill-bejgħ ta' parti mill-assi."